*Ħlas ta' materjal mibjugħ u kkunsinnat*

*Piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu u dak tal-ħlas*

*Valur probatorju tal-kotba tal-kummerċ*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Jannar, 2021.**

**Rikors Nru. 491/2015 GM**

**Ramel u Żrar Limited**

**vs**

**Schembri & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi abbażi tal-premessi illi:

1. Tinsab kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta Schembri & Sons Limited fis-somma komplessiva ta' €34,091.83 dovuti kwantu għal €27,348.92 bilanċ ta' prezz ta' ramel u żrar fornit lilha mill-esponenti fuq ordnijiet tal-istess soċjeta' konvenuta, u l-bilanċ ta' €6,742.91 imgħaxijiet skond l-*invoices* kif jirriżulta mill-istatament Dok A.

2. L-aħħar ħlas akkont sar bi tpartit fil-31 ta' Mejju 2012.

3. Jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tagħha billi d-dejn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-esponenti s-soċjeta konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba tagħha għall-ħlas tal-ammont imsemmi.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Schembri & Sons Limited tħallas lill-esponenti s-somma sħiħa ta' €34,091.83 bilanċ ta' prezz ta' materjal fornut lilha, u imgħaxijiet, dovuti kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Fl-udjenza tat-22 ta' Lulju 2015 din il-Qorti (diversament ippreseduta) ċaħdet l-ewwel talba billi ngħatat raġuni tajba biżżejjed biex tħalli lill-konvenuta tikkontesta l-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha s-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi:-

1. T-talba attriċi hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2149 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-azzjoni attriċi hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2151 tal-istess Kap.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet it-talba attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-istess kap.

4. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti stante illi s-soċjeta' eċċipjenti m'għandha tagħtiha xejn.

Rat is-sentenza tagħha (diversament ippreseduta) li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel tlett eċċezzjonijiet.

Semgħet il-xhieda u rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi bil-visto tal-avukat tal-konvenuta.

Rat li l-konvenuta m'għamlitx nota t'osservazzonijiet responsiva fit-terminu lilha mogħti.

Rat li l-kawża ġiet imħollija għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Kif jindika isimha stess, l-attriċi topera barriera tar-ramel u żrar; materjal li l-konvenuta kienet tixtri mingħandha fuq medda twila ta' żmien sakemm f'xi żmien ma baqgħetx tixtri mingħandha billi bdiet topera barriera simili hija stess. L-attriċi qiegħdha tħarrikha għal bilanċ li tgħid li mhux imħallas.

L-unika eċċezzjoni li fadal li tiġi ttrattata hi r-raba' waħda, ċjoe` li l-konvenuta m'għandha tagħtiha xejn. Skont il-verbal tat-22 ta' Lulju 2015, l-avukat tal-konvenuta talab li titħalla tikkontesta l-kawża, apparti l-preskrizzjoni, abbażi tal-premessa li "l-ammont pretiż mhux dovut għax diġa` tħallas." Għalhekk l-eċċezzjoni msemmija, li l-Qorti tat permess li ssir in segwitu tal-imsemmi verbal, tabilfors għandha tinftihem li l-konvenuta m'għandha tagħti xejn għaliex diġa` ħallset.

Kull parti trid tipprova l-fatti minnha allegati. Għalhekk il-konvenuta f'dan il-każ trid iġġib il-prova li ħallset għal kull merkanzija li xtrat mingħand l-attriċi.

Dan apparti li l-prova tal-ħlas taqa' fuq spallejn id-debitur,[1] independentement minn jekk jagħtix l-eċċezzjoni tal-ħlas jew le. Intqal li dan ma jeħlisx lill-attriċi milli tipprova hija wkoll il-fatti minnha allegati u ċjoe` l-eżistenza tad-debitu:

> *"Qua* kreditrici, l-attrici hi fid-dmir li tipprova li jezisti debitu, li dan id-debitu ghadu dovut, u li d-debitrici taghha baqghet inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta tigi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbaghad l-oneru jisposta fuq il-konvenuti debituri li jallegaw il-pagament. Dan il-principju ghandu l-fondament tieghu fuq il-bazi li kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Kif deciz, "fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'" - "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970."[2]

Il-Qorti taqbel ma' dawn il-pronunzjamenti. B'danakollu, fil-fehma tagħha, fil-każ preżenti, permezz tal-eċċezzjoni tal-pagament, il-konvenuta qiegħdha impliċitament tammetti l-eżistenza tad-debitu; għaliex ħadd ma jħallas xejn għalxejn. L-ammissjoni hija l-aqwa prova, u kif magħruf, teħles lill-kontroparti mill-ħtieġa li tressaq il-provi dwar il-fatti jew fatti ammessi. Frank Schembri, direttur maniġerjali tal-konvenuta, xehed li din kienet ħallset ta' kollox. Mitlub iġib prova ta' dan il-ħlas, wiegħed li kien sejjer jagħmel il-verifiki u jippreżenta kopja tagħhom.[3] Dan iżda baqa' m'għamlux.

Indipendentement mill-ammissjoni taċita tal-konvenuta, l-attriċi ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti l-eżistenza tad-debitu minnha allegat permezz tal-

[1] "Xort'ohra kien dejjem jinkombi fuq lappellanti li jipprova tali pagament billi, kif enuncjat, f' bosta decizjonijiet, u dan minn zmien antik, la prova del pagamento è a peso del convenuto" ("Negte Michele Apap nomine -vs-Giuseppe Grech", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju 1885. Ara wkoll "Angelo Scicluna -vs-John Scerri", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951 u "Desmond Mizzi nomine -vs-Patrick Filletti proprio et nomine", Appell, 28 ta' Jannar 2000)" - Malta Tourism Authority vs Refalo Victor - QA(PS) 13.09.2007

[2] Taliana Carmen v Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA[PS]
[3] kontro-eżami fol 51

esibizzjoni tal-i*statement of account* sħiħ tal-kont kurrent li kellha mal-konvenuta, flimkien ma' kopja tal-fatturi kollha meħuda mill-*invoice books* tal-attriċi.[4] Kull fattura turi d-dettalji tat-trakk li jkun ġarr il-materjal mibjugħ b'riferenza għad-*delivery notes* ta' kull konsenja. Dan ir-rendikont kummerċjali ntbagħat regolarment bil-posta lill-konvenuta. Qatt ma ġie kkontestat, l-anqas meta kien hemm kontestazzjoni identika bejn soċjeta` bl-istess azzjonisti tal-attriċi, li kellha negozju bħal tal-attriċi, u l-konvenuta, u li sar fl-istess żmien. Hi liġi li l-kotba tal-kummerċjanti, miżmumin skont il-liġi, kemm jekk obbligatorji kif ukoll jekk le, jistgħu jippruvaw dak li jkun fihom dwar operazzjonijiet kummerċjali, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, basta li tiġi ppruvata l-awtentiċita` tagħhom.[5] Minkejja l-isforzi qawwija li għamlet il-konvenuta fl-*iter* ta' din il-kawża, hija ma rnexxilhiex twaqqa' l-prova tal-bejgħ u konsenja tad-diversi partiti ta' merkanzija murija mill-kotba tan-negozju tal-attriċi.

Għalkemm xhieda prodotta mill-konvenuta jikkontestaw l-imgħax, m'hemmx dubbju li d-dejn *de quo* sar bejn żewġ negozjanti, u li allura huwa ta' xorta kummerċjali, u li fil-kummerċ l-imgħax jibda' jgħaddi minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi mwettqa, mingħajr l-ebda ħtieġa ta' sejħa jew intimazzjoni.[6]

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta.

---

[4] fol 172 sa 577, 410, 412

[5] Art. 629(d) Kap 12; Art. 22. (1) Kodiċi tal-kummerċ: "Il-kotba tal-kummerċ, obbligatorji jew le, jagħmlu prova skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

[6] Art. 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili

(2) Tiddikjara li s-soċjeta` attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta` konvenuta Schembri & Sons Limited fis-somma komplessiva ta' €34,091.83 dovuti kwantu għal €27,348.92 bilanċ ta' prezz ta' ramel u żrar fornit lilha mill-esponenti fuq ordnijiet tal-istess soċjeta' konvenuta, u l-bilanċ ta' €6,742.91 imgħaxijiet.

(3) Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-imsemmija somma ta' €34,091.83 bl-imgħax legali ulterjuri mit-30 t'April 2015 sad-data tal-ħlas effettiv.

Spejjeż  a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA